MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 212/2013

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta PUMA AG Rudolf Dassler Sport**

**vs**

**Dr. Mark M. Busuttil u P.L. Veronica Rossignaud gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Eurl Perfect Pommes Import-Export b'digriet tat-3 ta' April 2013**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-4 ta' Marzu 2013 li jghid hekk:
Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-marka "PUMA" registrat f'Malta bin-numru 13091 u tal-marka "Cat" registrat f'Malta bin-numru 13092;

Illi dan l-ahhar il-konvenut ikkontravvjena t-trademark in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-trademark ghar-rigward ta’ oggett li huwa identici ma’ dawk li dwarhom it-trademark tas-socjeta attrici giet registrata u dan billi gab f’Malta kwantita ta’ zraben ta’ liema oggetti mhumiex modelli tas-socjeta attrici hemm “wrong packaging, wrong size tongue label and no security label”;

Illi ghalhekk il-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta attrici;

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda tal-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u/jew prodotti u/jew importati f’Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta tas-socjeta attrici u dan kif provdut fl-artikolu 15 tal-Att dwar it-Trademarks u l-att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta (EC 1383/2003);

Ghaldaqstant jitlob lil Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkontravvjena t-trademark jew trademarks proprjeta tas-socjeta attrici u l-Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta u b’hekk ikkaguna danni lis-socjeta attrici;

2. Tordna l-qerda tal-oggetti spaccjati u/jew prodotti u/jew migjuba f’Malta fil-container ECMU 9110270 mill-konvenut bit-trademark/s tas-socjeta attrici;

Bl-ispejjez presentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni. B’riserva ghal azzjoni ta’ danni;

Rat id-digriet tat-3 ta’ April 2013 fejn gew nominati l-kuraturi deputati indikati sabiex jidhru ghas-socjeta intimata;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tat-23 ta’ April 2013 fejn ecceppew:
Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’stadju ulterjuri.

Salv risposta ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett d'ostakolo.

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-marki 'PUMA' u 'Cat' u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta' din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta' trademarks f'Malta bin-numri 13091 u 13092.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda ta' George Agius, Ufficjal tal-Kontrollur tad-Dwana (Dok. GA fol. 27) li taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana issospenda r-rilaxx tal-container numru ECMU 9110270 kontenenti fost ohrajn oggetti konsistenti f'elfejn tmien mija u erbghin (2,840) par zraben sportivi u waslu fil-port hieles ta' Malta (Malta Freeport) waqt il-kors ta' procedura ta' trasbord (transhipment). L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta intellettwali.

Illi l-istess kontejner kien wasal Malta fuq il-vapur CMA CGM PARSIFAL fit-23 ta' Jannar 2013 u nfetah, u l-oggetti nzammu mill-Ufficjali tad-Dwana fit-28 ta' Jannar 2013 fuq suspett li kienu foloz, u fil-fatt minn ezamijiet li saru gie kkonfermat li tali oggetti kienu fil-fatt kontrafatti u li kienu destinati lil intimati cioe affidavit ta' Neil Narriman, rapprezentant tas-socjeta attrici datat 1 ta' Marzu 2013 (Dok. NN fol. 29).

Illi minn dan kollu jidher li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u dan permezz tax-xhieda u dokumenti kollha esebiti u fil-fatt lanqas biss hemm ebda kontestazzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha bil-mod hawn indikat u tali oggetti ghandhom jigu distrutti a spejjez tal-istess konvenuti, liema spejjez huma wkoll indikati fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana datat 26 ta' April 2013.

## Konkluzzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, u

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'elfejn tmien mija u erbghin (2,840) par zraben sportivi u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container numru ECMU 9110270 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta' din il-kawza, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil konvenuta u a spejjez taghha;

3. Tordna lis-socjeta konvenuta thallas l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati, kif elenkati kollha fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. GA fol. 28);

Bl-ispejjez kontra socjeta/entita konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------